



6.4.2016

# **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar kif il-PAK tista' ttejjeb il-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali  
(2015/2226(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Eric Andrieu

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàgna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW..... 3

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar kif il-PAK tista' ttejjeb il-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali (2015/2226(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0000/2016),
- A. billi, f'bosta pajjiżi Ewropej, iż-żoni rurali ilhom deċennji ta' snin jiżvojtaw mill-bdiewa tagħhom u billi l-impjeg f'dawn iż-żoni qed jonqos;
- B. billi, fid-dawl tal-kriżi ekonomika attwali, l-Unjoni Ewropea – b'mod partikolari permezz tal-Pjan Juncker – għamlet l-impjiegi wieħed mill-prijoritajiet kardinali tagħha u billi, f'dan il-kuntest, PAK b'leġittimità mtennija trid timponi ruħha bħala wieħed mill-ixpruni ewlenin tal-azzjoni Ewropea fil-qasam tal-impjiegi fiż-żoni rurali;
- C. billi sabiex jingħelbu l-ħafna sfidi għall-agrikoltura Ewropea (alimentari, ambjentali, tal-enerġija, tal-klima, eċċ.), se jkun assolutament meħtieġ li jsir “kuntratt soċjali ġdid” agrikolu li jwassalna biex nirvedu l-oġettivi ta' politika pubblika tassew għas-servizz ta' kulħadd;
- D. billi t-territorjalizzazzjoni mill-ġdid tal-agrikoltura hija meħtieġa għaż-żamma ta' żoni rurali dinamiċi u b'ħafna impjiegi;
- E. billi l-elementi li strutturaw l-aktar riforma reċenti tal-PAK għadhom jappoġġjaw metodu ta' żvilupp agrikolu dominanti li jibni fuq azjendi agrikoli dejjem ikbar, konċentrati u speċjalizzati, li jipprattikaw il-biedja intensiva, u li jissostitwixxi gradwalment il-kapital għall-impjeg;
- F. billi, b'kunsiderazzjoni tal-esperjenza fil-post, huma possibbli mezzi oħra ta' żvilupp agrikolu għal riżultati aħjar f'termini ta' kwalità tal-ikel, prestazzjoni agronomika, ambjentali u ekonomika, u billi l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju li ġeneralment ikunu aktar diversifikati, aktar innovattivi u organizzati aħjar kollettivament fil-forma ta' agrikoltura ta' gruppi, ikunu iktar suxxettibbli li jirreżistu matul perjodi ta' kriżi;
- G. billi l-kriżi attwali turi li s-suq mhux regolat mhux adatt biex jiżgura l-istabilità tal-prezzijiet u lanqas iż-żamma tal-impjiegi u billi wasal il-waqt li jiġu definiti għodod regolatorji ġodda adattati għal din is-sitwazzjoni ta' kompetizzjoni kbira Ewropea u dinjija;
- H. billi l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali għandu jiddaħħal fil-qafas ta' politika sostenibbli adattata għall-ekosistemi li tgħaddi miż-żamma u l-iżvilupp ta' attivitajiet agrikoli u periagrikoli, li joħlqu rabta soċjali u ta' solidarjetà bejn l-atturi differenti;
- I. billi l-ġejjieni tat-territorji rurali ma jiddependix b'mod esklużiv mill-iżvilupp tas-settur

agrikolu iżda huwa wkoll marbut mal-bqija tal-ekonomija, u billi jeħtieġ li tiġi applikata inġinerija tasew territorjali li tfittex sinerġiji bejn l-attivitajiet kollha u li tippermetti approċċi kollettivi u transsettorjali;

- J. billi, għal dan il-għan, huwa ta' importanza primordjali li jkun hemm enfasi fuq il-ħafna impjiegi mhux rilokabbli li huma riżultat ta' din il-biedja tal-preżent (inkluża l-forestrija), kemm fil-qasam alimentari u mhux alimentari, kif ukoll fil-qasam tas-servizzi.
- K. billi jeħtieġ li jiġu appoġġjati qabel kollox l-azjendi agrikoli tal-familja, ġestiti minn wieħed jew aktar kapijiet tal-azjenda, responsabbli u indipendenti, li jaħdmu b'mod effettiv fl-azjenda agrikola tagħhom, u li huma ħafna aktar f'pożizzjoni li jaffrontaw id-diffikultajiet eventwali, billi jaġġustaw il-produzzjoni tagħhom u/jew il-metodi ta' produzzjoni tagħhom u jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom mata jkun meħtieġ;
- L. billi dawn l-azjendi agrikoli tal-familja li joħolqu valur miżjud u impjiegi, jiffaċilitaw it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet ta' bdiewa permezz ta' trażmissjoni ffaċilitata ta' azjendi agrikoli vijabbli u ta' daqs raġonevoli;

### ***Fil-qafas tal-PAK attwali***

1. Jistieden lill-Istati Membri kollha jimplimentaw strateġija globali ta' tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u, għal dan il-għan, biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet offruti tal-PAK l-ġdida biex jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażaġħ, anke dawk barra l-qafas tal-familja;
2. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, partikolarment billi jirrikorru iktar għall-pagament ridistributtiv, u biex jistabbilixxu sistematikament il-limitu massimu tal-għajnuniet għal EUR 150 000;
3. Ifakkar li l-Istati Membri użaw b'mod wiesa' l-possibilità li jagħtu pagamenti akkoppjati, li jstabbilixxu l-impjiegi fiż-żoni żvantaġġati, u jistedinhom biex iżidu s-sehem ta' dan it-tip ta' appoġġ;
4. Ifakkar li l-implimentazzjoni meħtieġa tad-dimensjoni ambjentali tal-għajnuniet diretti għandha ssir fil-qafas tas-sostenibilità u tal-vijabilità tal-azjendi agrikoli, u għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda;
5. Iqis li l-miżuri tas-suq u l-miżuri ta' kriżijiet eċċezzjonali previsti mill-OKS unika għandhom jiġu implimentati b'mod aktar rapidu u proattiv, sabiex jiġu limitati l-effetti negattivi tat-tnaqqis tal-prezzijiet fuq l-introjt;
6. Jenfasizza li l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-biedja organika, bħala għodda u garanti tal-valur miżjud territorjalizzat u sorsi ta' impjeg, għandhom mhux biss ikunu protetti, iżda żviluppati;
7. Jirrakkomanda li l-qasam prijoritarju dwar il-ħolqien tal-impjiegi fil-prijorità 6 tat-tieni pilastru jintuża aktar mill-Istati Membri, kif ukoll il-miżuri dwar it-trasferiment tal-għarfien u t-taħriġ vokazzjonali u kontinwu;
8. Jistieden lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom jiffukaw mill-ġdid il-politika rurali

tagħhom fuq il-ħolqien tal-impjiegi, u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tgħin biex jintlaħaq dan l-objettiv;

9. Jenfasizza li s-sinerġiji bejn l-atturi kollha tad-dinja rurali se jippermettu, permezz tal-FAEŻR u ta' fondi oħra tal-UE, li tiġi ffaċċjata l-isfida tal-impjiegi fiż-żoni rurali u li l-agrikoltura tingħata mill-ġdid pożizzjoni rikonossuta u strutturanti fi d-dinamiċi territorjali;

#### ***Dwar il-futur tal-PAK wara l-2020***

10. Jenfasizza li l-PAK għandu jkollha biżżejjed fondi biex tkun tista' twettaq b'mod effettiv ir-rwol tagħha għaż-żmien twil favur l-impjiegi, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura u żżomm l-attrazzjoni taż-żoni rurali (permezz tal-kwalità tal-ħajja) b'rabta maż-żoni urbani;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi mill-ġdid b'mod ċar u tippromovi mudell agrikolu Ewropew li jkollu bħala prijorità ż-żamma tal-impjiegi fit-territorji;
12. Iqis li l-fondi tal-PAK tal-ġejjieni għandhom jappoġġjaw aktar l-azzjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, li ġeneralment ikunu aktar diversifikati, aktar ekonomiċi u awtonomi, trasferibbli iktar faċilment, iktar effikaċji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' valur miżjud u tal-impjiegi fit-territorji;
13. Jenfasizza l-importanza li l-PAK tippermetti l-finanzjament tal-benefiċċji pożittivi miġjuba mill-agrikoltura fir-rigward tal-impjiegi u l-ambjent u li din tappoġġja aktar l-agrikoltura organika u l-mezzi l-oħra kollha ta' produzzjoni sostenibbli, fil-qafas l-agroekoloġija, ħaġa li tirrikjedi li wieħed imur lil hinn min-normi eżistenti ta' kundizzjonalità ekoloġika u l-miżuri agroambjentali u klimatiċi;
14. Iqis li l-konkwista mill-ġdid tas-suq Ewropew għandha ssir prinċipju ta' azzjoni tal-PAK tal-ġejjieni, anke qabel wieħed idur lejn is-swieq esterni;
15. Jenfasizza li f'kuntast ta' inċertezza kbira dwar il-futur tal-prezzijiet agrikoli, volatili u baxxi, l-Unjoni Ewropea għandha pjuttost taġixxi fis-swieq, permezz tal-istabbiliment ta' xbieki ta' sikurezza u sistemi ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet li jistgħu, b'mod partikolari, jserrħu fuq għajnuniet kontroċikliċi, li jippermettu lill-bdiewa jibbenefikaw minn prezzijiet remunerattivi;
16. Jitlob li l-PAK, fil-qafas tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, tiffavorixxi appoġġ għal mudelli agrikoli u forestali innovattivi u iktar sostenibbli għall-produzzjoni ta' prodotti u ta' servizzi fil-qasam alimentari u dak mhux alimentari (l-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomiji, eċċ.) li jivvalorizzaw it-totalità tar-riżorsi ta' kull territorju rurali;
17. Iqis li l-approċċi minn isfel għal fuq (bottom-up) tal-iżvilupp lokali tat-tip Leader/CLLD urew l-effiċjenza tagħhom u li dawn jeħtieġu li jiġu msaħħa aktar u li jiġu implimentati fl-Istati Membri kollha permezz ta' approċċi b'diversi fondi;
18. Jitlob li l-investimenti previsti mill-politika ta' żvilupp rurali għandhom jiġu prijoritizzati skont l-impjeg;

19. Iqis li għall-futur jeħtieġ li jiġu żviluppati sistemi alimentari ta' kwalità territorjalizzati billi jitħeġġu r-responsabilità taċ-ċittadini u l-parteciġipazzjoni tal-atturi kollha fil-passi kwalitattivi u kuntrattwali li jfittxu s-sigurtà tal-ikel u tas-saħħa, iżda wkoll introjtu għust għall-bdiewa;
20. Jistieden lill-Istati Membri javvanzaw b'mod sinifikattiv fit-triq ta' armonizzazzjoni soċjali permezz tal-ħaddiema agrikoli, u biex b'hekk jillimitaw il-ħsara tad-dumping soċjali intern li jdgħajjef l-impjiegi;
21. Iqis indispensabbli li tiġi żgurata l-preżenza tas-servizzi pubbliċi u privati li jippermettu ż-żamma u l-iżvilupp tal-impjiegi fit-territorji rurali;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.